# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1014/2008

## tas-16 ta' Ottubru 2008

## li jdaħħal ċerti denominazzjonijiet fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (České pivo (IĠP), Cebreiro (DPO))

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel [1] [traduzzjoni mhux uffiċjali], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 6(2), l-ewwel subparagrafu, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba tar-Repubblika Ċeka għall-introduzzjoni tad-denominazzjoni "České pivo" u t-talba ta' Spanja għall-introduzzjoni tad-denominazzjoni "Cebreiro" ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, dawn id-denominazzjonijiet għandhom ikunu rreġistrati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjonijiet imsemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom ikunu rreġistrati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Ottubru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
[2] ĠU C 16, 23.1.2008, p. 14 (České pivo), ĠU C 16, 23.1.2008, p. 23 (Cebreiro).

*ANNESS*

1. Prodotti agrikoli għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.3. Ġobnijiet**

SPANJA

Cebreiro (DPO)

2. Oġġetti tal-ikel imsemmija fl-Anness I għar-Regolament:

**Klassi 2.1. Birer**

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

České pivo (IĠP)